MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003

Numru 312/2002

**Illum, 12 ta' Settembru 2003**

**App Nru 312/02**

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Attard**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Attard permezz ta' att ta' citazzjoni datat 7 ta' Novembru, 1999 talli matul ix-xhur ta' qabel abbuzivament u bla ebda dritt [izda] bi hsieb li jezercita dritt li jippretendi li ghandu dahal u okkupa porzjon art li tinsab fil-limiti tat-Torri sive ta' Dimitri, limiti ta' l-Gharb, Ghawdex;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta' Novembru 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil

imsemmi John Attard hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ hamsin lira (Lm50);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ John Attard, minnu prezentat fl-10 ta’ Dicembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fid-diversi udjenzi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Il-fatti brevement huma s-segwenti: Anton Said, Maria u Vincent konjugi Grech u l-eredi ta’ Lorenza Said huma ko-proprjetarji ta’ bicca ghalqa maghrufa bhala “Tat-Torri” jew “Ta’ San Dimitri” fil-limiti tal-Gharb, f’Ghawdex. Din l-ghalqa kienet ghal xi zmien imqabbla ghand certu Tarcisio Agius. F’xi zmien qabel ma l-imsemmi Agius miet sbieh it-12 ta’ Lulju, 1999 huwa kien gie avvicinat mill-appellant li talbu sabiex icedilu l-qbiela. <u>Skond l-appellant</u>, dana Agius accetta versu rigal ta’ sitt mitt lira (Lm600) – ghal liema sitt mitt lira, pero`, ma inharget ebda ricevuta. Dejjem <u>skond l-appellant</u>, hu kien ukoll mar ma’ Agius ghand Lorenza Said – illum mejta, li pero` dak iz-zmien kienet tircevi l-qbiela a nom tal-proprjetarji kollha ta’ l-istess art – u din kienet accettat li l-appellant kellu jibda jahdem l-art u anke accettat il-qbiela minn ghandu. Kif inghad, Agius miet fit-12 ta’ Lulju, 1999, u dik il-gurnata stess l-appellant avvicina lir-ragel ta’ wahda mill-ko-proprjetarji ta’ l-art (Frank Lupi) biex jasserixxi d-dritt li hu kien qed jippretendi li ghandu li jahdem l-istess art. Peress li dana Lupi u l-ko-proprjetarji l-ohra (inkluza, allura, Lorenza Said) ma kienu jafu xejn dwar l-allegat arrangament li kien sar ma’ Agius u (allegatament) ma’ l-istess Lorenza Said, l-imsemmi Lupi u Anton Said marru dik il-gurnata stess fil-ghalqa u sabu li xi hadd kien ghadu kif harat terz taghha. Lupi u Said, ghalhekk, ghamlu borg gebel fid-dahla ta’ l-ghaqla bhala sinjal li l-proprjetarji ta’ l-imsemmija art ma riedu lil hadd jidhol f’dik l-ghalqa. Lupi u Said marru wkoll l-ghada ghand l-eredi ta’ Agius, u dawn fissrulhom li ma riedux ikomplu bil-qbiela, u effettivament ftit jiem wara giet iffirmata skrittura li permezz taghha l-eredi ta’ Agius cedew il-qbiela lura lis-sidien ta’ l-art. Frank Lupi u Anton Said regghu marru fil-ghalqa fl-14 ta’ Lulju, 1999 u sabu li

xi hadd kien harat terz iehor tal-ghalqa. Effettivament irrizulta mill-provi li kien l-appellant li kien qed jahdem l-imsemmija ghalqa (u skond hu kien addirittura beda jahdimha anke qabel ma kien miet l-imsemmi Agius), u sa ftit jiem wara kien haratha kollha minkejja l-opposizzjoni espressa tas-sidien ta' l-imsemmija art. Skond id-deposizzjoni ta' Lorenza Said, moghtija minnha quddiem magistrat supplenti fil-kors ta' dawn il-proceduri fi prim istanza (ara fol. 12 u 14 tergo), lill-appellant Attard hi ma kienitx tafu, qatt ma qabblitlu raba, u Agius qatt ma kien semmihulha (fatt, dan, konfermat minn Anton Said fid-deposizzjoni tieghu meta qal li ommu kienet qaltlu li anqas kienet taf min hu John Attard li kien avvicina lil Frank Lupi). Peter Zammit, neputi ta' Agius, u li kien jghin lill-istess Agius jahdem l-art in kwistjoni, jghid li zijuh qatt ma semmielu lill-appellant Attard, u, minn naha l-ohra, lanqas l-appellant qatt ma tkellem mieghu fuq l-ghalqa (fol. 71). L-appellant ghandu jahdem l-ghalqa sal-lum.

L-appellant ghandu, bazikament, zewg aggravji (it-tielet aggravju isegwi mit-tieni aggravju). L-ewwel aggravju hu fis-sens li bil-mod kif giet dedotta l-imputazzjoni fic-citazzjoni, minghajr "data specifika" u minghajr ma l-oggett meritu tal-kawza "[ma] jkun identifikabbli", hu ma setax jiddefendi ruhhu adegwatament. Dana l-aggravju huwa wiehed altament fieragh. Huwa f'ebda hin ma ilmenta quddiem l-ewwel qorti li ma kienx f'posizzjoni li jiddefendi ruhhu, u dan minkejja li l-kawza quddiem l-ewwel qorti, ghalkemm suppost sommarja, hadet 'l fuq minn tlettax-il seduta. Fil-fehma tal-Qorti anke jekk l-imputazzjoni setghet giet redatta b'mod ahjar (anke grammatikament), l-istess imputazzjoni kienet cara bizzejjed u kienet tipotizza r-reat ta' *ragion fattasi* fir-rigward ta' art identifikata u fir-rigward ta' zmien specifiku – ix-xhur immedjatament precedenti l-hrug tac-citazzjoni. Ghalhekk ma seta kien hemm ebda diffikulta` sabiex l-appellant – allura imputat – jiddefendi ruhhu. Dan l-aggravju qed jigi michud.

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li f'dan il-kaz ma hemmx l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* u li, se mai, huwa kellu jinstab hati tar-reat ta' vjolazzjoni ta' proprjeta`

(dan huwa proprju t-tielet aggravju), reat li pero` huwa ma giex akkuzat bih. Din il-Qorti semplicement ma taqbilx ma' l-appellant. Il-provi f'dan il-kaz juru bic-car li mal-mewt ta' Agius jew, di piu`, mal-iskrittura li l-eredi ta' Agius iffirmaw li biha cedew il-qbiela, il-pussess ta' l-art jew ghalqa irreverta *prima facie* ghand il-ko-proprjetarji. Huma mill-ewwel hadu l-passi mehtiega biex juru li ma riedu lil hadd li jidhlilhom fil-ghalqa. Minkejja dan, l-appellant, peress li qed jippretendi li kellu xi ftehim ma' Agius, qed jippretendi wkoll li ghandu dritt jidhol f'din l-ghaqla u jahdimha, b'mod li qed ifixkel lis-sidien fil-pussess ta' hwejjighom u anke jindahlilhom fi hwejjighom. Attard ma kellux jaqbad u jidhol fi proprjeta` ta' haddiehor biex jezercita dritt li hu kien qed jippretendi li ghandu, izda kellu jipprocedi permezz ta' proceduri gudizzjarji biex jirrivendika dak id-dritt. Ghalhekk f'dan il-kaz jissussistu l-elementi <u>kollha</u> tar-reat in kwistjoni u cioe` (1) l-att estern li jispolja lil xi hadd minn haga li jkun qieghed igawdi, att maghmul kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, tal-persuna spoljata, (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt, (3) il-kuzjenza fl-agent li huwa qieghed jaghmel *"di privato braccio"* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. Proprju fir-rigward ta' dan l-ahhar element, jigi osservat li r-reat ta' vjolazzjoni ta' proprjeta` -- (ara t-tielet aggravju ta' l-appellant) -- huwa reat <u>anqas</u>, mhux aktar, gravi minn dak ta' *ragion fattasi*, peress li huwa biss kontravvenzjoni, mentri r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kap. 9 huwa delitt.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft.) V. DeGaetano
Prim Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------